PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali*

**2012/0295(COD)**

12.2.2013

# ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn
(COM(2012)0617 – C7-0358/2012 – 2012/0295(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Younous Omarjee

PA_Legam

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 10a*** |
| | ***Kumitat Nazzjonali għall-Monitoraġġ*** |
| | ***L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu Kumitat Nazzjonali għall-Monitoraġġ biex jiżguraw l-aħjar implimentazzjoni u dik l-aktar effiċjenti tal-Fondi u tal-programm operattiv tagħhom. Il-Kumitat Nazzjonali għandu jkun iffurmat minn awtoritajiet nazzjonali, reġjonali, lokali u oħrajn kompetenti, l-organizzazzjonijiet imsieħba kollha, organizzazzjonijiet jew entitajiet tas-soċjetà ċivili involuti fil-ġlieda kontra l-faqar, kif ukoll organizzazzjonijiet jew entitajiet tas-soċjetà ċivili involuti fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni.*** |

Or. fr

**Emenda 2**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) ***B'mod*** konformi mal-konklużjonijiet | (1) ***Billi l-provvista ta' prodotti tal-ikel u*** |

| | |
|---|---|
| tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2010, fejn ġiet adottata l-istrateġija tal-Unjoni għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, l-Unjoni u l-Istati Membri stabbilixxew għalihom infushom l-għan li jnaqqsu l-għadd ta' persuni li qegħdin jgħixu fir-riskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali b'mill-inqas 20 miljun sal-2020. | ***prodotti agrikoli hija ta' valur kbir u ta' għajnuna kbira lill-persuni l-aktar fil-bżonn u billi*** b'mod konformi mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2010, fejn ġiet adottata l-istrateġija tal-Unjoni għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, l-Unjoni u l-Istati Membri stabbilixxew għalihom infushom l-għan li jnaqqsu l-għadd ta' persuni li qegħdin jgħixu fir-riskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali b'mill-inqas 20 miljun sal-2020. |

Or. fr

**Emenda 3**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Wara x-xitwa partikolarment kiefra tal-1986/87, il-Komunità ħadet miżuri tul bosta xhur fl-1987 li kienu jinvolvu l-forniment ta' ċerti prodotti tal-ikel lil organizzazzjonijiet karitattivi biex jitqassmu lil dawk l-aktar fil-bżonn fil-Komunità u ġie stabbilit regolament biex din l-għajnuna tibqa' tingħata*** |

Or. fr

**Emenda 4**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1b) Fid-29 ta' Ottubru 1992, il-Programm Ewropew ta' Għajnuna għal*** |

***Dawk l-Aktar fil-Bżonn (PEAD) ġie kkonsolidat permezz ta' regolament ta' implimentazzjoni***

Or. fr

**Emenda 5**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1c) Is-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tat-13 ta' April 2011 ġiegħlet lill-Kummissjoni Ewropea ttemm il-PEAD hekk kif kien jeżisti billi annullat id-dispożizzjonijiet tar-regolament li kien jawtorizza x-xiri dirett fis-suq*** |

Or. fr

**Emenda 6**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) L-għadd ta' persuni li jbatu minn privazzjoni *materjal* jew saħansitra privazzjoni materjali gravi fl-Unjoni qiegħed jiżdied u dawk il-persuni ta' spiss huma esklużi wisq biex jibbenefikaw mill-miżuri ta' attivazzjoni tar-Regolament (UE) Nru [...CPR], u, b'mod partikolari tar-Regolament (UE) Nru […FSE]. | (2) L-għadd ta' persuni li jbatu minn privazzjoni ***tal-ikel u*** *materjali* jew saħansitra privazzjoni ***tal-ikel u*** materjali gravi fl-Unjoni qiegħed jiżdied u dawk il-persuni ta' spiss huma esklużi wisq biex jibbenefikaw mill-miżuri ta' attivazzjoni tar-Regolament (UE) Nru [...CPR], u, b'mod partikolari tar-Regolament (UE) Nru […FSE]. |

Or. fr

**Emenda 7**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) Fl-2010, kważi kwart tal-Ewropej (119.6 miljun) kienu fir-riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali fl-Unjoni Ewropea. Dan jirrappreżenta kważi 4 miljun ruħ iżjed milli fl-2009. Fost dawn il-119.6 miljun ruħ, 18-il miljun jiddependu kważi kuljum fuq pakketti tal-ikel jew ikliet imqassma minn assoċjazzjonijiet volontarji.*** |

Or. fr

**Emenda 8**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Il-Fond għall-Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (minn hawn il-quddiem il-'Fond') ***għandu jsaħħaħ*** il-koeżjoni soċjali, billi jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-faqar fl-Unjoni billi jsostni skemi nazzjonali li jipprovdu għajnuna mhux finanzjarja lill-persuni l-aktar fil-bżonn l-biex itaffi l-privazzjoni alimentari, in-nuqqas ta' akkomodazzjoni u l-privazzjoni materjali tat-tfal. | (4) Il-Fond għall-Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (minn hawn il-quddiem il-'Fond') ***huwa intiż biex isaħħaħ*** il-koeżjoni soċjali, billi jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-faqar fl-Unjoni billi jsostni skemi nazzjonali li jipprovdu għajnuna mhux finanzjarja lill-persuni l-aktar fil-bżonn l-biex itaffi l-privazzjoni alimentari, in-nuqqas ta' akkomodazzjoni u l-privazzjoni materjali tat-tfal. |

Or. fr

**Emenda 9**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Dawk id-dispożizzjonijiet jiżguraw ukoll li l-operazzjonijiet appoġġjati jikkonformaw mal-liġijiet nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli, b'mod partikolari fir-rigward tas-sigurtà tal-prodotti ***mqassma*** lill-persuni l-aktar fil-bżonn. | (6) Dawk id-dispożizzjonijiet jiżguraw ukoll li l-operazzjonijiet appoġġjati jikkonformaw mal-liġijiet nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli, b'mod partikolari fir-rigward tas-sigurtà tal-prodotti ***u l-kwalità tal-ikel imqassam*** lill-persuni l-aktar fil-bżonn. |

Or. fr

**Emenda 10**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Sabiex tistabbilixxi qafas finanzjarju xieraq, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, analiżi annwali tar-riżorsi globali skont l-Istat Membru permezz ta' metodu oġġettiv u trasparenti li jirrifletti d-differenzi f'termini ta' faqar u ta' privazzjoni materjali. | (7) Sabiex tistabbilixxi qafas finanzjarju xieraq, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, analiżi annwali tar-riżorsi globali skont l-Istat Membru permezz ta' metodu oġġettiv u trasparenti li jirrifletti d-differenzi f'termini ta' faqar u ta' privazzjoni materjali ***li jeżistu f'kull Stat Membru, b'kont meħud tan-numru ta' persuni f'kull Stat Membru li jistgħu jitqiesu bħala persuni l-aktar fil-bżonn, u b'kont meħud tal-ammonti li ġew allokati lill-Istati Membri li kienu jipparteċipaw fil-PEAD***. |

Or. fr

**Emenda 11**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Il-programm operattiv ta' kull Stat Membru għandu jidentifika u jiġġustifika l-forom ta' privazzjoni materjali li sejrin jiġu indirizzati, u jiddeskrivi l-għanijiet u l-karatteristiċi tal-għajnuna lill-persuni l-aktar fil-bżonn li sejrin jiġu pprovduti permezz tas-sostenn ta' skemi nazzjonali. Għandu jinkludi wkoll l-elementi neċessarji biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-programm operattiv. | (8) Il-programm operattiv ta' kull Stat Membru għandu jidentifika u jiġġustifika l-forom ta' privazzjoni ***tal-ikel u*** materjali li sejrin jiġu indirizzati, u jiddeskrivi l-għanijiet u l-karatteristiċi tal-għajnuna lill-persuni l-aktar fil-bżonn li sejrin jiġu pprovduti permezz tas-sostenn ta' skemi nazzjonali. Għandu jinkludi wkoll l-elementi neċessarji biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-programm operattiv. |

Or. fr

**Emenda 12**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) L-iskambji ta' esperjenzi u tal-aħjar prattiki għandhom valur miżjud sinifikanti u l-Kummissjoni għandha tiffaċilita ***tixrid bħal dan***. | (10) L-iskambji ta' esperjenzi u tal-aħjar prattiki għandhom valur miżjud sinifikanti u l-Kummissjoni għandha tiffaċilita ***l-promozzjoni tagħhom***. |

Or. fr

**Emenda 13**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Regoli ***uniformi u*** ekwitabbli dwar il-perjodu ta' eliġibbiltà, l-operazzjonijiet u l- | (16) Regoli ekwitabbli***, uniformi u sempliċi*** dwar il-perjodu ta' eliġibbiltà, l- |

infiq għall-Fond għandhom jiġu applikati fl-Unjoni kollha. Il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għandhom jirriflettu n-natura speċifika tal-objettivi tal-Fond u l-popolazzjonijiet fil-mira, b'mod partikolari permezz ta' kundizzjonijiet adegwati ta' eliġibbiltà tal-operazzjonijiet kif ukoll forom ta' appoġġ u regoli u l-kundizzjonijiet ta' rimborż.

operazzjonijiet u l-infiq għall-Fond għandhom jiġu applikati fl-Unjoni kollha. Il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għandhom jirriflettu n-natura speċifika tal-objettivi tal-Fond u l-popolazzjonijiet fil-mira, b'mod partikolari permezz ta' kundizzjonijiet adegwati ***u simplifikati*** ta' eliġibbiltà tal-operazzjonijiet kif ukoll forom ta' appoġġ u regoli u l-kundizzjonijiet ta' rimborż.

Or. fr

**Emenda 14**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) [Proposta għal] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli (Regolament dwar l-OKS Unika) jipprevedi li prodotti mixtrija bl-intervent tal-pubbliku wieħed jista' jeħles minnhom billi jsiru disponibbli għall-iskema tad-distribuzzjoni għal dawk l-iktar fil-bżonn fl-Unjoni ***jekk dik l-iskema tipprevedi hekk***. Minħabba dan, skont iċ-ċirkostanzi, il-ksib tal-ikel mill-użu, l-ipproċessar jew il-bejgħ ta' stokkijiet bħal dawn ***jista' jkun ekonomikament*** l-iktar għażla vijabbli, huwa xieraq li possibilità bħal din tiġi prevista f'dan ir-Regolament. L-ammonti dderivati minn tranżazzjoni li tikkonċerna l-istokkijiet għandhom jintużaw għall-benefiċċju ta' dawk li huma l-iktar fil-bżonn***, u m'għandhomx jiġu applikati b'mod li jnaqqsu l-obbligu tal-Istati Membri biex jikkofinanzjaw il-programm***. Sabiex ikun żgurat l-iktar użu *effiikaċi* tal-istokkijiet ta' intervent ***u l-qligħ minnhom*** il-Kummissjoni għandha, f'konformità mal- | (17) [Proposta għal] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli (Regolament dwar l-OKS Unika) jipprevedi li prodotti mixtrija bl-intervent tal-pubbliku wieħed jista' jeħles minnhom billi jsiru disponibbli għall-iskema tad-distribuzzjoni għal dawk l-iktar fil-bżonn fl-Unjoni. Minħabba dan, skont iċ-ċirkostanzi, il-ksib tal-ikel mill-użu, l-ipproċessar jew il-bejgħ ta' stokkijiet bħal dawn ***tibqa'*** l-iktar għażla vijabbli, huwa xieraq li possibilità bħal din tiġi prevista f'dan ir-Regolament. L-ammonti dderivati minn tranżazzjoni li tikkonċerna l-istokkijiet għandhom jintużaw għall-benefiċċju ta' dawk li huma l-iktar fil-bżonn. Sabiex ikun żgurat l-iktar użu *effikaċi* tal-istokkijiet ta' intervent***,*** il-Kummissjoni għandha, f'konformità mal-Artikolu 19(e) tar-Regolament (UE) Nru [OKS] tadotta l-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-proċeduri li bihom il-prodotti fl-istokkijiet ta' intervent jistgħu jintużaw, jiġu pproċessati***,*** mibjugħa ***bi*** |

Artikolu 19(e) tar-Regolament (UE) Nru [OKS] tadotta l-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-proċeduri li bihom il-prodotti fl-istokkijiet ta' intervent jistgħu jintużaw, jiġu pproċessati ***jew*** mibjugħa għall-għanijiet tal-programm għal dawk l-aktar fil-bżonn.

***prezzijiet orħos u/jew mogħtija b'xejn*** għall-għanijiet tal-programm għal dawk l-aktar fil-bżonn.

Or. fr

**Emenda 15**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17a) Sabiex jiġi żgurat appoġġ kbir għal dawk l-aktar fil-bżonn, l-Istati Membri għandhom ineħħu kull ostaklu li jista' jkun ta' xkiel bla bżonn għad-donazzjonijiet tal-ikel u l-oġġetti bażiċi magħmula mill-kumpaniji lill-banek tal-ikel u lill-organizzazzjonijiet bla profitt li l-attività ewlenija tagħhom hija l-għajnuna għal dawk l-aktar fil-bżonn.*** |

Or. fr

**Emenda 16**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) L-awtorità maniġerjali għandha r-responsabbiltà ewlenija għall-implimentazzjoni effettiva u effikaċi tal-Fond u b'hekk tissodisfa għadd sostanzjali ta' funzjonijiet relatati mal-immaniġġjar u l-monitoraġġ tal-programm operattiv, il- | (22) L-awtorità maniġerjali għandha r-responsabbiltà ewlenija għall-implimentazzjoni effettiva u effikaċi tal-Fond***, b'mod sempliċi kemm jista' jkun għall-organizzazzjonijiet benefiċjarji*** u b'hekk tissodisfa għadd sostanzjali ta' |

ġestjoni u l-kontrolli finanzjarji kif ukoll l-għażla tal-proġett. Ir-responsabbiltajiet u l-funzjonijiet tagħha għandhom jiġu stabbiliti.

funzjonijiet relatati mal-immaniġġjar u l-monitoraġġ tal-programm operattiv, il-ġestjoni u l-kontrolli finanzjarji kif ukoll l-għażla tal-proġett. Ir-responsabbiltajiet u l-funzjonijiet tagħha għandhom jiġu stabbiliti.

Or. fr

**Emenda 17**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) L-awtorità ta' ċertifikazzjoni għandha tfassal u tissottometti lill-Kummissjoni applikazzjonijiet għall-ħlas. Għandha tfassal il-kontijiet annwali, tiċċertifika l-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet annwali u li n-nefqa mdaħħla fil-kontijiet hija konformi mar-regoli nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli. Ir-responsabbiltajiet u l-funzjonijiet tagħha għandhom jiġu stabbiliti. | (23) L-awtorità ta' ċertifikazzjoni għandha tfassal u tissottometti lill-Kummissjoni applikazzjonijiet għall-ħlas. Għandha tfassal il-kontijiet annwali, tiċċertifika l-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet annwali u li n-nefqa mdaħħla fil-kontijiet hija konformi mar-regoli nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli. ***L-awtorità ta' ċertifikazzjoni m'għandhiex timponi restrizzjonijiet kbar, kumplessi jew eċċessivi wisq fuq l-organizzazzjonijiet benefiċjarji.*** Ir-responsabbiltajiet u l-funzjonijiet tagħha għandhom jiġu stabbiliti. |

Or. fr

**Emenda 18**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) L-awtorità ta' verifika għandha tiżgura li jsiru eżerċizzji ta' awditjar fuq is-sistemi | (24) L-awtorità ta' verifika għandha tiżgura li jsiru eżerċizzji ta' awditjar fuq is-sistemi |

| | |
|---|---|
| ta' ġestjoni u ta' kontroll, fuq kampjun ***xieraq*** ta' operazzjonijiet u fuq il-kontijiet annwali. Ir-responsabbiltajiet u l-funzjonijiet tagħha għandhom jiġu stabbiliti. | ta' ġestjoni u ta' kontroll, fuq kampjun ***raġonevoli*** ta' operazzjonijiet u fuq il-kontijiet annwali***. Din għandha tiżgura wkoll li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll ikunu sempliċi kemm jista' jkun għall-organizzazzjonijiet benefiċjarji***. Ir-responsabbiltajiet u l-funzjonijiet tagħha għandhom jiġu stabbiliti. |
| | Or. fr |

**Emenda 19**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni fir-rigward tal-kontroll finanzjarju, il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-qafas ta' dan ir-Regolament għandha tiġi żgurata u għandhom jiġu stabbiliti kriterji li jippermettu lill-Kummissjoni li, fil-kuntest tal-istrateġija tagħha ta' kontroll tas-sistemi nazzjonali, tiddetermina l-livell ta' assigurazzjoni li għandha tikseb mill-korpi nazzjonali tal-awditjar. | (25) Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni fir-rigward tal-kontroll finanzjarju, il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-qafas ta' dan ir-Regolament għandha tiġi żgurata u għandhom jiġu stabbiliti kriterji li jippermettu lill-Kummissjoni li, fil-kuntest tal-istrateġija tagħha ta' kontroll tas-sistemi nazzjonali, tiddetermina l-livell ta' assigurazzjoni li għandha tikseb mill-korpi nazzjonali tal-awditjar. ***Minħabba n-natura tal-Fond u n-natura fil-bidi l-kbira volontarja tal-organizzazzjonijiet imsieħba tal-Fond, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-livell ta' assigurazzjoni mitlub ma jwassalx għal iżjed restrizzjonijiet għall-organizzazzjonijiet imsieħba.*** |
| | Or. fr |

**Emenda 20**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) L-impenji baġitarji tal-Unjoni għandhom isiru kull sena. Sabiex tiġi żgurata ġestjoni effettiva tal-programm, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli komuni għal talbiet interim għall-ħlas, għall-ħlas tal-bilanċ annwali u tal-bilanċ finali. | (27) L-impenji baġitarji tal-Unjoni għandhom isiru kull sena. Sabiex tiġi żgurata ġestjoni effettiva tal-programm, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli komuni ***sempliċi*** għal talbiet interim għall-ħlas, għall-ħlas tal-bilanċ annwali u tal-bilanċ finali. |

Or. fr

**Emenda 21**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (32) Sabiex jiġi żgurat li n-nefqa ffinanzjata mill-baġit tal-Unjoni f'sena finanzjarja partikolari tintuża skont ir-regoli applikabbli, għandu jinħoloq qafas xieraq *għall- eżaminazzjoni* u l-aċċettazzjoni annwali tal-kontijiet. Taħt dan il-qafas, il-korpi nnominati għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni, fir-rigward tal-programm operattiv, dikjarazzjoni tal-ġestjoni akkumpanjata mill-kontijiet annwali ċċertifikati, sintesi annwali tar-rapporti tal-awditjar finali u tal-kontrolli li jkunu twettqu u opinjoni indipendenti tal-awditjar u rapport ta' kontroll. | (32) Sabiex jiġi żgurat li n-nefqa ffinanzjata mill-baġit tal-Unjoni f'sena finanzjarja partikolari tintuża skont ir-regoli applikabbli, għandu jinħoloq qafas xieraq ***u sempliċi*** *għall-eżaminazzjoni* u l-aċċettazzjoni annwali tal-kontijiet. Taħt dan il-qafas, il-korpi nnominati għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni, fir-rigward tal-programm operattiv, dikjarazzjoni tal-ġestjoni akkumpanjata mill-kontijiet annwali ċċertifikati, sintesi annwali tar-rapporti tal-awditjar finali u tal-kontrolli li jkunu twettqu u opinjoni indipendenti tal-awditjar u rapport ta' kontroll. |

Or. fr

**Emenda 22**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 35**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (35) Il-frekwenza tal-eżerċizzji ta' awditjar fuq l-operazzjonijiet għandha tkun proporzjonata mal-livell ta' sostenn tal-Unjoni mill-Fond. B'mod partikolari, l-għadd ta' eżerċizzji ta' awditjar li jsiru għandu jitnaqqas fejn in-nefqa totali eliġibbli għal operazzjoni ma taqbiżx l-EUR 100 000. Madankollu, għandu jkun possibbli li jsiru eżerċizzji ta' awditjar fi kwalunkwe ħin fejn ikun hemm evidenza ta' irregolarità jew ta' frodi, jew bħala parti minn kampjun ta' awditjar. Sabiex il-livell ta' awditjar mill-Kummissjoni jkun proporzjonat mar-riskju, il-Kummissjoni għandha tkun kapaċi tnaqqas ix-xogħol ta' awditjar tagħha fir-rigward ta' programmi operattivi fejn ma jkunx hemm nuqqasijiet sinifikanti jew fejn l-awtorità tal-awditjar tista' tiġi invokata. Barra minn hekk, il-kamp ta' applikazzjoni tal-eżerċizzji ta' awditjar għandu jikkunsidra bis-sħiħ l-objettiv ***u l-karatteristiċi*** tal-popolazzjonijiet fil-mira tal-Fond. | (35) Il-frekwenza tal-eżerċizzji ta' awditjar fuq l-operazzjonijiet għandha tkun proporzjonata mal-livell ta' sostenn tal-Unjoni mill-Fond. B'mod partikolari, l-għadd ta' eżerċizzji ta' awditjar li jsiru għandu jitnaqqas fejn in-nefqa totali eliġibbli għal operazzjoni ma taqbiżx l-EUR 100 000. Madankollu, għandu jkun possibbli li jsiru eżerċizzji ta' awditjar fi kwalunkwe ħin fejn ikun hemm evidenza ta' irregolarità jew ta' frodi, jew bħala parti minn kampjun ta' awditjar. Sabiex il-livell ta' awditjar mill-Kummissjoni jkun proporzjonat mar-riskju, il-Kummissjoni għandha tkun kapaċi tnaqqas ix-xogħol ta' awditjar tagħha fir-rigward ta' programmi operattivi fejn ma jkunx hemm nuqqasijiet sinifikanti jew fejn l-awtorità tal-awditjar tista' tiġi invokata. Barra minn hekk, il-kamp ta' applikazzjoni tal-eżerċizzji ta' awditjar għandu jikkunsidra bis-sħiħ l-objettiv***, il-karatteristiċi*** tal-popolazzjonijiet fil-mira tal-Fond ***u n-natura volontarja tal-organizzazzjonijiet benefiċjarji tal-Fond***. |

Or. fr

**Emenda 23**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 40**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (40) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, is-setgħat ta' implimentazzjoni relatati mal-mudell tar-rapporti annwali u finali ta' | (40) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, is-setgħat ta' implimentazzjoni relatati mal-mudell tar-rapporti annwali u finali ta' |

| | |
|---|---|
| implimentazzjoni u l-lista ta' indikaturi komuni, ***il-mudell għall-istħarriġ strutturat dwar il-benefiċjarji finali,*** is-sistema tal-iskambju tad-dejta elettronika bejn l-Istat Membru u l-Kummissjoni, il-mudell tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni, il-mudelli għall-istrateġija ta' awditjar, ir-rapport annwali tal-kontrolli u l-opinjoni u l-metodoloġija għall-metodu ta' kampjunar, ir-regoli dwar l-użu ta' dejta miġbura matul l-eżerċizzji ta' awditjar, u l-mudell għall-applikazzjonijiet għall-ħlasijiet għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-mekkaniżmi ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mill-Kummissjoni. | implimentazzjoni u l-lista ta' indikaturi komuni, is-sistema tal-iskambju tad-dejta elettronika bejn l-Istat Membru u l-Kummissjoni, il-mudell tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni, il-mudelli għall-istrateġija ta' awditjar, ir-rapport annwali tal-kontrolli u l-opinjoni u l-metodoloġija għall-metodu ta' kampjunar, ir-regoli dwar l-użu ta' dejta miġbura matul l-eżerċizzji ta' awditjar, u l-mudell għall-applikazzjonijiet għall-ħlasijiet għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-mekkaniżmi ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mill-Kummissjoni***. Il-Kummissjoni għandha tirsisti biex tipproduċi regoli li jieħdu kont kif xieraq tan-natura volontarja tal-organizzazzjonijiet imsieħba tal-Fond.*** |
| | Or. fr |

**Emenda 24**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 41**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (41) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari fil-Karta tad-Drittjiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inklużi r-rispett għad-dinjità tal-bniedem u għall-ħajja privata u tal-familja, id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali, id-drittijiet tat-tfal, id-drittijiet tal-anzjani, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, u l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni. Dan ir-Regolament għandu jiġi applikat skont dawn id-drittijiet u l-prinċipji. | (41) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari fil-Karta tad-Drittjiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inklużi r-rispett għad-dinjità tal-bniedem u għall-ħajja privata u tal-familja, id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali, id-drittijiet tat-tfal, ***id-dritt għall-għajnuna soċjali u għall-akkomodazzjoni,*** id-drittijiet tal-anzjani, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, u l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni. Dan ir-Regolament għandu jiġi applikat skont dawn id-drittijiet |

u l-prinċipji.

Or. fr

**Emenda 25**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 42a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(42a) Il-Fond jikkontribwixxi għall-isforz li għandu jsir minn kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea biex ma jibqax ikun hemm persuni bla dar f'konformità mar-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew B7-0475/2011.*** |

Or. fr

**Emenda 26**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Fond għall-Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (minn hawn 'il quddiem "il-Fond") għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 u jiddetermina l-għanijiet tal-Fond, il-kamp ta' applikazzjoni tas-sostenn tiegħu, ir-riżorsi finanzjarji disponibbli u l-kriterji għall-allokazzjoni tagħhom u jistabbilixxi r-regoli neċessarji biex jiżguraw l-effikaċja tal-Fond. | 1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Fond għall-Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (minn hawn 'il quddiem "il-Fond") għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 u jiddetermina l-għanijiet tal-Fond, il-kamp ta' applikazzjoni tas-sostenn tiegħu, ir-riżorsi finanzjarji disponibbli u l-kriterji għall-allokazzjoni tagħhom u jistabbilixxi r-regoli neċessarji biex jiżguraw l-effikaċja ***u s-sempliċità*** tal-Fond. **.** |

Or. fr

**Emenda 27**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) "persuni l-aktar fil-bżonn" tfisser persuni fiżiċi, kemm jekk individwi, familji, unitajiet domestiċi jew gruppi magħmula minn persuni bħal dawn, li l-bżonn tagħhom għall-assistenza ġie stabbilit skont il-kriterji oġġettivi ***adottati*** mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti***, jew definiti mill-organizzazzjonijiet*** imsieħba ***u*** li ***huma approvati minn dawk l-awtoritajiet kompetenti***; | (1) "persuni l-aktar fil-bżonn" tfisser persuni fiżiċi, kemm jekk individwi, familji, unitajiet domestiċi jew gruppi magħmula minn persuni bħal dawn, li l-bżonn tagħhom għall-assistenza ġie stabbilit skont il-kriterji oġġettivi ***definiti*** mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ***f'kooperazzjoni stretta mal-organizzazzjonijiet*** imsieħba li ***għall-ewwel għandhom ikunu l-organizzazzjonijiet nazzjonali, reġjonali jew lokali li jaħdmu għat-tqassim tal-prodotti tal-ikel u l-prodotti agrikoli lill-persuni l-aktar fil-bżonn***; |

Or. fr

**Emenda 28**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) "organizzazzjonijiet imsieħba" tfisser korpi pubbliċi jew organizzazzjonijiet li ma jaħdmux għall-qligħ li jwasslu l-ikel ***jew il-prodotti*** direttament jew permezz ta' organizzazzjonijiet imsieħba oħra lill-persuni l-aktar fil-bżonn, u li l-operazzjonijiet tagħhom intgħażlu mill-awtorita ta' ġestjoni skont l-Artikolu 29(3)(b); | (2) "organizzazzjonijiet imsieħba" tfisser korpi pubbliċi jew organizzazzjonijiet li ma jaħdmux għall-qligħ li jwasslu l-ikel direttament jew permezz ta' organizzazzjonijiet imsieħba oħra lill-persuni l-aktar fil-bżonn, u li l-operazzjonijiet tagħhom intgħażlu mill-awtorita ta' ġestjoni skont l-Artikolu 29(3)(b); |

Or. fr

**Emenda 29**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) "benefiċjarju" tfisser korp pubbliku jew ***privat*** responsabbli mill-bidu jew mill-bidu u l-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet; | (6) "benefiċjarju" tfisser korp pubbliku jew ***organizzazzjoni bla profitt*** responsabbli mill-bidu jew mill-bidu u l-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet; |

Or. fr

**Emenda 30**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) "korp intermedjarju" tfisser kwalunkwe korp pubbliku jew ***privat*** li jaġixxi taħt ir-responsabbiltà ta' awtorità maniġerjali jew ta' ċertifikazzjoni, jew li jwettaq dmirijiet għan-nom ta' awtorità bħal din fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' implimentazzjoni ta' benefiċjarji; | (9) "korp intermedjarju" tfisser kwalunkwe korp pubbliku jew ***organizzazzjoni bla profitt*** li jaġixxi taħt ir-responsabbiltà ta' awtorità maniġerjali jew ta' ċertifikazzjoni, jew li jwettaq dmirijiet għan-nom ta' awtorità bħal din fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' implimentazzjoni ta' benefiċjarji; |

Or. fr

**Emenda 31**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Fond għandu jappoġġja skemi nazzjonali ta' sostenn ***fejn*** prodotti tal-ikel | 1. Il-Fond għandu jappoġġja skemi nazzjonali ta' sostenn ***għat-tqassim ta'*** |

| | |
|---|---|
| u prodotti bażiċi ***għall-konsumatur*** għall-użu personali ***ta' persuni jew tat-tfal mingħajr akkomodazzjoni jitqassmu lill-persuni l-aktar fil-bżonn*** permezz ta' organizzazzjonijiet imsieħba magħżula mill-Istati Membri. | prodotti tal-ikel ***tajbin għas-saħħa lill-persuni l-aktar fil-bżonn,*** u prodotti bażiċi għall-użu personali***. It-tqassim għandu jiġi żgurat*** permezz ta' organizzazzjonijiet imsieħba magħżula mill-Istati Membri ***u parti mill-attività ta' sħubija u/jew voluntiera hi bbażata fuq it-tqassim tal-prodotti tal-ikel u/jew prodotti agrikoli għall-persuni l-aktar fil-bżonn***. |
| | Or. fr |

**Emenda 32**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Fond jista' jappoġġja miżuri ta' sostenn, li jikkumplimentaw l-għoti ta' ikel u ta' prodotti, li jikkontribwixxu għall-inklużjoni soċjali tal-persuni l-aktar fil-bżonn. | 2. Il-Fond jista'***, permezz tal-organizzazzjonijiet imsieħba,*** jappoġġja miżuri ta' sostenn, li jikkumplimentaw l-għoti ta' ikel u ta' prodotti, li jikkontribwixxu għall-inklużjoni soċjali ***u għat-titjib tal-kwalità tal-ħajja*** tal-persuni l-aktar fil-bżonn ***u/jew intiżi biex iħarsu d-dinjità umana tagħhom***. |
| | Or. fr |

**Emenda 33**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-effikaċja tal-Fond, b'mod partikolari permezz ta' monitoraġġ, rapportar u evalwazzjoni. | (8) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-effikaċja tal-Fond, b'mod partikolari permezz ta' monitoraġġ, rapportar u evalwazzjoni. ***Għadhom jiżguraw ukoll is-sempliċità tal-*** |

***implimentazzjoni tiegħu għall-organizzazzjonijiet imsieħba u l-benefiċjarji.***

Or. fr

**Emenda 34**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) ***Il-Kummissjoni*** u l-Istati Membri għandhom iwettqu r-rwoli rispettivi tagħhom fir-rigward tal-Fond bil-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji. | (9) ***Minħabba n-natura assoċjattiva u volontarja tal-organizzazzjonijiet imsieħba u/jew tal-benefiċjarji, il-Kummissjoni*** u l-Istati Membri għandhom iwettqu r-rwoli rispettivi tagħhom fir-rigward tal-Fond bil-għan ***permanenti*** li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji***, u bl-għan permanenti li jiġu simplifikati għall-aħħar ir-regoli u s-sistemi ta' ġestjoni li huma ta' piż fuq l-organizzazzjonijiet imsieħba u/jew fuq il-benefiċjarji***. |

Or. fr

**Emenda 35**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u l-integrazzjoni tal-perspettiva tas-sessi jiġu promossi matul l-istadji varji tal-implimentazzjoni tal-Fond. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu passi xierqa sabiex | (10) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u l-integrazzjoni tal-perspettiva tas-sessi jiġu promossi matul l-istadji varji tal-implimentazzjoni tal-Fond. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu passi xierqa sabiex |

| | |
|---|---|
| jipprevjenu kull diskriminazzjoni bbażata fuq sess, oriġini razzjali jew etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età, jew orjentazzjoni sesswali fil-kisba tal-aċċess għall-Fond**.** | jipprevjenu kull diskriminazzjoni bbażata fuq sess, oriġini razzjali jew etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età, jew orjentazzjoni sesswali fil-kisba tal-aċċess għall-Fond ***u l-programmi jew l-operazzjonijiet relatati*** |

Or. fr

**Emenda 36**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) L-Istati Membri u l-benefiċjarji għandhom jagħżlu l-prodotti tal-ikel u l-prodotti għall-persuni jew għat-tfal mingħajr akkomodazzjoni abbażi ta' kriterji oġġettivi. Il-kriterji tal-għażla għall-prodotti tal-ikel, u fejn jixraq għall-prodotti *sejrin* iqisu wkoll l-aspetti klimatiċi u ambjentali, b'mod partikolari bil-għan tat-tnaqqis *tal-iskart mill-ikel*. | (12) L-Istati Membri u l-benefiċjarji għandhom jagħżlu l-prodotti tal-ikel u l-prodotti għall-persuni jew għat-tfal mingħajr akkomodazzjoni abbażi ta' kriterji oġġettivi. Il-kriterji tal-għażla għall-prodotti tal-ikel ***għandhom jagħtu prijorità lill-prodotti ta' oriġini Ewropea. Il-kriterji tal-għażla tal-prodotti tal-ikel għandhom jiġu stabbiliti biex jikkontribwixxu għal dieta tajba għas-saħħa u bilanċjata tal-benefiċjarji aħħarija. Il-kriterji tal-għażla għall-prodotti tal-ikel***, u fejn jixraq għall-prodotti, *għandhom* iqisu wkoll l-aspetti klimatiċi u ambjentali, b'mod partikolari bil-għan tat-tnaqqis *tal-ħela tal-ikel*. |

Or. fr

**Emenda 37**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Ir-riżorsi globali disponibbli għall-impenn baġitarju mill-Fond għall-perjodu 2014-2020 għandhom ikunu ta' ***EUR 2 500 000 000*** skont il-prezzijiet tal-2011, skont it-tqassim annwali stabbilit fl-Anness II. | 1. Ir-riżorsi globali disponibbli għall-impenn baġitarju mill-Fond għall-perjodu 2014-2020 għandhom ikunu ta' ***EUR 5 000 000 000*** skont il-prezzijiet tal-2011, skont it-tqassim annwali stabbilit fl-Anness II. |

Or. fr

**Emenda 38**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-popolazzjoni li tbati minn ***privazzjoni materjali severa;*** | (a) il-popolazzjoni li tbati minn ***faqar tal-ikel*** |

Or. fr

**Emenda 39**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) il-popolazzjoni li tbati minn privazzjoni materjali severa*** |

Or. fr

**Emenda 40**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-popolazzjoni li tgħix fi ***djarb'intensità tax-xogħol*** vera ***baxxa.*** | (b) il-popolazzjoni li tgħix fi ***djar bi dħul*** vera ***baxx*** |

Or. fr

**Emenda 41**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. *0,35%* tar-riżorsi globali għandhom jiġu allokati għal għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni. | 4. ***Mhux iżjed minn*** *0.35 %* tar-riżorsi globali għandhom jiġu allokati għal għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni. |

Or. fr

**Emenda 42**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kull Stat Membru għandu jissottometti lill-Kummissjoni programm operattiv, li jkopri l-perjodu bejn l-1 ta' *Jannar2014* sal-31 ta' Diċembru 2020***, fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament,*** li jkun fih dawn l-punti li ġejjin: | Kull Stat Membru għandu jissottometti lill-Kummissjoni***, fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament,*** programm operattiv, ***imħejji f'kooperazzjoni stretta mal-awtoritajiet kompetenti reġjonali, lokali u oħrajn, l-organizzazzjonijiet li kienu benefiċjarji qabel tal-PEAD, l-organizzazzjonijiet ewlenin nazzjonali, reġjonali, lokali u oħrajn involuti fit-tqassim tal-prodotti tal-ikel intiż għall-persuni l-aktar fil-bżonn, kif ukoll l-*** |

***organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili u jippromwovu n-nondiskriminazzjoni,*** li jkopri l-perjodu bejn l-1 ta' *Jannar 2014* sal-31 ta' Diċembru 2020 ***u*** li jkun fih dawn l-punti li ġejjin:

Or. fr

**Emenda 43**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) identifikazzjoni ***ta' u ġustifikazzjoni biex jintgħażel/jintgħażlu t-tip(i)*** ta' privazzjoni materjali li ***għanduhom jiġijiġu indirizzat(i) skont il-programm*** operattiv u deskrizzjoni ***għal kull tip*** ta' privazzjoni materjali ***indirizzata, tal-karatteristiċi*** ewlenin u l-għanijiet tad-distribuzzjoni tal-ikel ***jew ta' prodotti*** u l-miżuri ***ta' sostenn li għandhom jiġu pprovduti, waqt li jiġu kkunsidrati r-riżultati tal-evalwazzjoni ex ante mwettqa skont l-Artikolu 14***; | (a) identifikazzjoni ***tat-tip(i)*** ta' privazzjoni ***tal-ikel u/jew*** materjali li ***l-programm*** operattiv ***għandu jnaqqas*** u deskrizzjoni ***tat-tipi*** ta' privazzjoni materjali ***kkonċernati kif ukoll il-karatteristiċi*** ewlenin u l-għanijiet tad-distribuzzjoni tal-ikel ***b'mod partikolari l-prodotti agrikoli friski bħal-laħam, il-ħut, il-frott, il-ħxejjex, iż-żrieragħ, il-prodotti tal-ħalib, u l-prodotti u l-miżuri ta' akkumpanjament previsti***; |

Or. fr

**Emenda 44**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) deskrizzjoni tal-iskema(i) nazzjonali korrispondenti għal kull tip ta' privazzjoni materjali indirizzata; | (b) deskrizzjoni tal-iskema(i) nazzjonali korrispondenti għal kull tip ta' privazzjoni ***tal-ikel u/jew*** materjali indirizzata; |

Or. fr

**Emenda 45**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) deskrizzjoni ***tal-mekkaniżmu li jistabbilixxi l-kriterji ta' eliġibbiltà għall-persuni l-aktar fil-bżonn, differenzjati jekk neċessarju skont it-tip ta' privazzjoni materjali indirizzata;*** | (c) deskrizzjoni ***tal-kriterji għall-għażla tal-organizzazzjonijiet imsieħba, li jieħdu kont tal-fatt li huwa imperattiv li l-organizzazzjonijiet imsieħba jqassmu, b'mod dirett jew permezz ta' organizzazzjonijiet imsieħba oħra, prodotti tal-ikel lill-persuni l-aktar fil-bżonn.*** |

Or. fr

**Emenda 46**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) ***il-kriterji għall-għażla ta' operazzjonijiet u deskrizzjoni tal-mekkaniżmu tal-għażla differenzjati*** jekk neċessarju ***skont it-tip ta' privazzjoni materjali indirizzata***; | (d) ***deskrizzjoni tal-implimentazzjoni tal-programm operattiv li tindika l-awtorità ta' ġestjoni, l-awtorità ta' ċertifikazzjoni*** jekk neċessarju***, l-awtorità ta' verifika u l-organizzazzjoni li se tirċievi l-ħlasijiet tal-Kummissjoni, kif ukoll il-proċedura ta' monitoraġġ***; |

Or. fr

**Emenda 47**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(e) il-kriterji għall-għażla tal-organizzazzjonijiet imsieħba differenzjati jekk neċessarju skont it-tip ta' privazzjoni materjali indirizzata;*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 48**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(f) deskrizzjoni tal-mekkaniżmu użat biex jiżgura l-kumplimentarjetà mal-Fond Soċjali Ewropew;*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 49**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(g) deskrizzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-programm operattiv li jkun fiha l-identifikazzjoni tal-awtorità maniġerjali, l-awtorità ta' ċertifikazzjoni fejn applikabbli, l-awtorità tal-awditjar u l-korp li lilu għandhom isiru l-ħlasijiet mill-Kummissjoni u deskrizzjonital-proċedura ta' monitoraġġ;*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 50**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) deskrizzjoni tal-miżuri meħuda biex jinvolvu lill-awtoritajiet reġjonali u lokali kompetenti u awtoritajiet pubbliċi oħrajn, kif ukoll korpi li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili u l-korpi responsabbli għall-promozzjoni tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni fit-tħejjija tal-programm operattiv; | (h) deskrizzjoni tal-miżuri meħuda biex jinvolvu lill-awtoritajiet reġjonali u lokali kompetenti u awtoritajiet pubbliċi oħrajn, ***organizzazzjonijiet li qabelkienu benefiċjarji tal-PEAD, organizzazzjonijiet ewlenin involuti fit-tqassim tal-ikel u/jew prodotti materjali intiżi għal dawk l-aktar fil-bżonn,*** kif ukoll korpi li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili u l-korpi responsabbli għall-promozzjoni tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni fit-tħejjija tal-programm operattiv; |

Or. fr

**Emenda 51**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-organizzazzjonijiet imsieħba msemmija fil-punt (e) li jwasslu l-ikel ***jew*** il-prodotti direttament għandhom jimpenjaw ruħhom b'attivitajiet li jikkumplimentaw il-provvista tal-għajnuna materjali, li jimmiraw għall-inklużjoni soċjali tal-persuni l-iktar fil-bżonn, kemm jekk dawn l-attivitajiet huma appoġġjati mill-Fond u kemm jekk le. | L-organizzazzjonijiet imsieħba msemmija fil-punt (e) li jwasslu l-ikel ***u għal dawk li jqassmu wkoll*** il-prodotti direttament għandhom jimpenjaw ruħhom b'attivitajiet li jikkumplimentaw il-provvista tal-għajnuna materjali, li jimmiraw għall-inklużjoni soċjali tal-persuni l-iktar fil-bżonn, kemm jekk dawn l-attivitajiet huma appoġġjati mill-Fond u kemm jekk le. |

Or. fr

**Emenda 52**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-konsistenza tal-programm operattiv ma' dan ir-Regolament u l-kontribut tiegħu lejn l-objettivi tal-Fond***, b'kunsiderazzjoni għall-evalwazzjoni ex ante mwettqa skont l-Artikolu 14.*** | 1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-konsistenza tal-programm operattiv ma' dan ir-Regolament u l-kontribut tiegħu lejn l-objettivi tal-Fond |

Or. fr

**Emenda 53**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni tista' tagħmel osservazzjonijiet fi żmien ***tliet xhur*** mid-data tas-sottomissjoni tal-programm operattiv. L-Istat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni addizzjonali kollha meħtieġa u, fejn xieraq, għandu jirrevedi l-programm operattiv propost. | 2. Il-Kummissjoni tista' tagħmel osservazzjonijiet fi żmien ***xahrejn*** mid-data tas-sottomissjoni tal-programm operattiv. L-Istat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni addizzjonali kollha meħtieġa u, fejn xieraq, għandu jirrevedi l-programm operattiv propost. |

Or. fr

**Emenda 54**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Sakemm kull osservazzjoni li ssir mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 2 tkun ġiet ikkunsidrata b'mod sodisfaċenti, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tapprova l-programm operattiv mhux iktar minn ***sitt*** xhur wara s-sottomissjoni formali tiegħu mill-Istat Membru, iżda mhux qabel l-1 ta' Jannar 2014. | 3. Sakemm kull osservazzjoni li ssir mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 2 tkun ġiet ikkunsidrata b'mod sodisfaċenti, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tapprova l-programm operattiv mhux iktar minn ***tliet*** xhur wara s-sottomissjoni formali tiegħu mill-Istat Membru, iżda mhux qabel l-1 ta' Jannar 2014. |

Or. fr

**Emenda 55**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-informazzjoni pprovduta skont il-paragrafu 1, filwaqt li tiġi kkunsidrata l-ġustifikazzjoni pprovduta mill-Istat Membru. Il-Kummissjoni tista' tagħmel osservazzjonijiet u l-Istat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni addizzjonali kollha meħtieġa. | 2. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-informazzjoni pprovduta skont il-paragrafu 1, filwaqt li tiġi kkunsidrata l-ġustifikazzjoni pprovduta mill-Istat Membru. Il-Kummissjoni tista'***, fi żmien xahrejn,*** tagħmel osservazzjonijiet u l-Istat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni addizzjonali kollha meħtieġa. |

Or. fr

**Emenda 56**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' | 3. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' |

atti ta' implimentazzjoni, tapprova l-emenda ta' programm operattiv mhux aktar tard minn ***ħames*** xhur wara s-sottomissjoni formali tagħhom mill-Istat Membru sakemm kull osservazzjoni li ssir mill-Kummissjoni tkun ġiet ikkunsidrata b'mod sodisfaċenti.

atti ta' implimentazzjoni, tapprova l-emenda ta' programm operattiv mhux aktar tard minn ***tliet*** xhur wara s-sottomissjoni formali tagħhom mill-Istat Membru sakemm kull osservazzjoni li ssir mill-Kummissjoni tkun ġiet ikkunsidrata b'mod sodisfaċenti.

Or. fr

**Emenda 57**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi pjattaforma fuq livell tal-UE biex tiffaċilita l-iskambju ta' esperjenza, il-bini tal-kapaċità u ta' netwerking, kif ukoll it-tixrid tar-riżultati rilevanti fil-qasam ***ta' għajnuna mhux finanzjarja*** lill-persuni l-aktar fil-bżonn. | l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi pjattaforma fuq livell tal-UE biex tiffaċilita l-iskambju ta' esperjenza ***u għarfien***, il-bini tal-kapaċità u ta' netwerking, ***l-użu ta' netwerks ta' distribuzzjoni fit-territorju Ewropew u b'mod partikolari fiż-żoni f'kull Stat Membru fejn hemm l-ogħla rati ta' faqar u esklużjoni, l-iżvilupp ta' attivitajiet transnazzjonali u transkonfinali,*** kif ukoll it-tixrid tar-riżultati rilevanti fil-qasam ***tat-tqassim ta' ikel u prodotti*** lill-persuni l-aktar fil-bżonn.<br><br>***Hija għandha tintegra u tgħaqqad ma' din il-pjattaforma, l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-organizzazzjonijiet imsieħba fuq il-livell tal-Unjoni kif ukoll l-organizzazzjonijiet imsieħba u l-benefiċjarji f'kull Stat Membru.***<br><br>***Hija għandha toħloq u tamministra sit elettroniku pubbliku ddedikat għal din il-pjattaforma. Is-sit jinkludi b'mod partikolari d-diversi organizzazzjonijiet imsieħba, l-azzjonijiet tagħhom u l-użu tagħhom fit-territorju Ewropew, inlużi r-reġjuni l-aktar imbiegħda. Is-sit elettroniku jinkludi wkoll kull dokument u informazzjoni marbuta mal-animazzjoni u*** |

***l-ħidma tal-pjattaforma.***

Or. fr

**Emenda 58**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Barra minn hekk,*** il-Kummissjoni għandha tikkonsulta, mill-inqas darba fis-sena, mal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-organizzazzjonijiet imsieħba fuq livell tal-Unjoni dwar l-implimentazzjoni tal-appoġġ mill-Fond. | ***Fil-kuntest ta' din il-pjattaforma,*** il-Kummissjoni għandha tikkonsulta ***wkoll***, mill-inqas darba fis-sena, mal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-organizzazzjonijiet imsieħba fuq livell tal-Unjoni ***u l-organizzazzjonijiet imsieħba ewlenin fuq livell ta' kull Stat Membru*** dwar l-implimentazzjoni ***u s-sempliċità tal-użu*** tal-appoġġ mill-Fond. ***Hija għandha tirraporta dwar dawn il-konsultazzjonijiet u r-riżultati tagħhom fuq is-sit elettroniku ddedikat għall-pjattaforma.*** |

Or. fr

**Emenda 59**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) il-kontribut tal-prestazzjoni mistennija ***għar-riżultati***; | (d) il-kontribut tal-prestazzjoni mistennija ***għall-objettivi tal-Fond***; |

Or. fr

**Emenda 60**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) il-problemi marbuta mal-ġestjoni u l-implimentazzjoni prattika tal-Fond mill-perspettiva tal-organizzazzjonijiet imsieħba u l-benefiċjarji.*** |

Or. fr

**Emenda 61**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fuq l-inizjattiva tagħha stess u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, l-Kummissjoni għandha twettaq, bl-għajnuna ta' esperti esterni, evalwazzjoni ex-post biex tevalwaa l-effikaċja ***u s-sostenibbiltà*** tar-riżultati miksuba kif ukoll biex tkejjel il-valur miżjud tal-Fond. Din l-evalwazzjoni ex-post għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023. | Fuq l-inizjattiva tagħha stess u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, l-Kummissjoni għandha twettaq, bl-għajnuna ta' esperti esterni, evalwazzjoni ex-post biex tevalwaa l-effikaċja ***u s-sempliċità tal-ġestjoni tal-programmi, is-sostenibbiltà*** tar-riżultati miksuba, ***il-bżonnijiet finanzjarji rrappurtati mill-organizzazzjonijiet imsieħba u l-benefiċjarji għall-finijiet tad-distribuzzjoni tal-prodotti tal-ikel lill-persuni l-aktar fil-bżonn,*** kif ukoll biex tkejjel il-valur miżjud tal-Fond. Din l-evalwazzjoni ex-post għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023. |

Or. fr

**Emenda 62**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***L-Istati*** Membri għandhom jipprovdu informazzjoni dwar u jippromwovu l-azzjonijiet appoġġjati mill-Fond. L-informazzjoni għandha tkun indirizzata lill-persuni l-aktar fil-bżonn, lill-midja u lill-pubbliku in ġenerali. *Għandha tenfasizza r-rwol* tal-Unjoni ***u*** *għandha tiżgura* li l-kontribuzzjoni mill-Fond tkun viżibbli. | 1. ***Il-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari permezz tas-sit elettroniku dedikat għall-pjattaforma u l-Istati*** Membri għandhom jipprovdu informazzjoni dwar u jippromwovu l-azzjonijiet appoġġjati mill-Fond. L-informazzjoni għandha tkun indirizzata lill-persuni l-aktar fil-bżonn, lill-midja u lill-pubbliku in ġenerali. *Għandhom jenfasizzaw ir-rwol* tal-Unjoni***,*** *għandhom jiżguraw* li l-kontribuzzjoni mill-Fond tkun viżibbli ***u jenfasizzaw ir-riċevituri aħħarija kif ukoll il-voluntiera tal-organizzazzjonijiet benefiċjarji u msieħba***. |

Or. fr

**Emenda 63**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-awtorità maniġerjali għandha, sabiex tiżgura t-trasparenza fis-sostenn tal-Fond, iżżomm lista ta' operazzjonijiet sostnuti mill-Fond f'format CSV jew XML li għandha tkun aċċessibbli permezz ta' websajt. Il-lista għandha mill-inqas tinkludi informazzjoni dwar l-isem tal-benefiċjarju, l-indirizz tiegħu u l-ammont ta' finanzjament tal-Unjoni allokat kif ukoll it-tip ta' privazzjoni materjali indirizzata. | L-awtorità maniġerjali għandha, sabiex tiżgura t-trasparenza fis-sostenn tal-Fond, iżżomm lista ta' operazzjonijiet sostnuti mill-Fond f'format CSV jew XML li għandha tkun aċċessibbli permezz ta' websajt. Il-lista għandha mill-inqas tinkludi informazzjoni dwar l-isem tal-benefiċjarju, l-indirizz tiegħu u l-ammont ta' finanzjament tal-Unjoni allokat kif ukoll it-tip ta' privazzjoni ***tal-ikel u/jew*** materjali indirizzata. |

Or. fr

**Emenda 64**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Matul l-implimentazzjoni ta' operazzjoni, ***il-benefiċjarji*** u l-organizzazzjonijiet imsieħba għandhom ***jinfurmaw lill-pubbliku dwar is-sostenn mill-Fond billi jqiegħdu mill-inqas poster wieħed b'informazzjoni dwar l-operazzjoni (daqs minimu ta' A3), inkluż dwar is-sostenn finanzjarju mill-Unjoni, f'post faċilment viżibbli għall-pubbliku, f'kull post fejn jiġi pprovdut l-ikel, il-prodotti u kull miżura ta' sostenn, ħlief jekk dan ma jkunx possibbli minħabba ċ-ċirkostanzi tad-distribuzzjoni***. | Matul l-implimentazzjoni ta' operazzjoni, ***l-organizzazzjonijiet benefiċjarji*** u l-organizzazzjonijiet imsieħba għandhom ***iqiegħdu għall-wiri kemm bandiera Ewropea kif ukoll poster (ta' daqs ta' mill-inqas A3) li jippreżenta informazzjoni dwar l-operazzjoni, inkluż f'dak li jirrigwarda l-appoġġ finanzjarju mogħti mill-Unjoni Ewropea***. |

Or. fr

**Emenda 65**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dawk il-benefiċjarji u l-organizzazzjonijiet imsieħba li għandhom websajts għandhom jipprovdu wkoll deskrizzjoni qasira tal-operazzjoni, inklużi l-għanijiet u r-riżultati tagħha, u jenfasizzaw l-appoġġ finanzjarju mill-Unjoni. | Dawk il-benefiċjarji u l-organizzazzjonijiet imsieħba li għandhom websajts għandhom jipprovdu wkoll deskrizzjoni qasira tal-operazzjoni, inklużi l-għanijiet u r-riżultati tagħha, u jenfasizzaw l-appoġġ finanzjarju mill-Unjoni ***u r-riċevituri aħħarija u l-voluntiera tal-organizzazzjonijiet imsieħba***. |

Or. fr

**Emenda 66**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-miżuri ***kollha*** ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni li ttieħdu mill-benefiċjarju u mill-organizzazzjonijiet imsieħba għandhom jirrikonoxxu s-sostenn mill-Fond għall-operazzjoni billi juru l-emblema tal-Unjoni flimkien ma' referenza għall-Unjoni u l-Fond. | 4. Il-miżuri ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni li ttieħdu mill-benefiċjarju u mill-organizzazzjonijiet imsieħba***, u marbuta ma' operazzjoni ffinanzjata mill-Unjoni Ewropea*** għandhom jirrikonoxxu s-sostenn mill-Fond għall-operazzjoni billi juru l-emblema tal-Unjoni flimkien ma' referenza għall-Unjoni u l-Fond. |

Or. fr

**Emenda 67**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-awtorità maniġerjali għandha tinforma lill-benefiċjarji bil-pubblikazzjoni tal-lista ta' operazzjonijiet skont il-paragrafu 2. L-awtorità maniġerjali għandha tipprovdi kitts ta' informazzjoni u ta' pubbliċità, inkluż mudelli f'format elettroniku, biex tgħin lill-benefiċjarji u lill-organizzazzjonijiet imsieħba jissodisfaw l-obbligi tagħhom kif stabbiliti fil-paragrafu 3. | 5. L-awtorità maniġerjali għandha tinforma lill-benefiċjarji bil-pubblikazzjoni tal-lista ta' operazzjonijiet skont il-paragrafu 2. L-awtorità maniġerjali għandha tipprovdi kitts ta' informazzjoni u ta' pubbliċità, inkluż mudelli f'format elettroniku ***u stikers li jirrappreżentaw il-bandiera tal-Unjoni***, biex tgħin lill-benefiċjarji u lill-organizzazzjonijiet imsieħba jissodisfaw l-obbligi tagħhom kif stabbiliti fil-paragrafu 3. |

Or. fr

**Emenda 68**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Kofinanzjament*** | ***Finanzjament*** |

Or. fr

**Emenda 69**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Ir-rata ta' ***kofinanzjament*** fil-livell tal-programm operattiv ***ma għandhiex tkun ogħla minn 85%*** tan-nefqa pubblika eliġibbli. | 1. Ir-rata ta' ***finanzjament*** fil-livell tal-programm operattiv ***hija stabbilita għal 100 %*** tan-nefqa pubblika eliġibbli. |

Or. fr

**Emenda 70**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-għajnuna pprovduta mill-Unjoni permezz ta' ħlasijiet interim u ta' ħlas tal-bilanċ finali m'għandhiex taqbeż l-ammont ta' għajnuna pubblika u l-ammont massimu tal-għajnuna mogħtija mill-Fond, kif stabbilit fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm operattiv.*** |

Or. fr

**Emenda 71**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 19*** | ***imħassar*** |
| ***Żieda fil-ħlasijiet għall-Istati Membri b'diffikultajiet baġitarji temporanji*** | |
| ***1. Fuq talba ta' Stat Membru, ħlasijiet interim u ħlasijiet tal-bilanċ finali jistgħu jiżdiedu b'10 punti perċentwali aktar mir-rata ta' kofinanzjament applikabbli għall-programm operattiv. Ir-rata miżjuda, li ma tistax taqbeż il-100%, għandha tapplika għal talbiet għall-ħlas relatat mal-perjodu ta' kontabilità li fih l-Istat Membru jkun ippreżenta t-talba tiegħu u perjodi sussegwenti ta' kontabilità li matulhom l-Istat Membru jkun issodisfa waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:*** | |
| ***(a) fejn l-Istat Membru kkonċernat ikun adotta l-euro, jirċievi għajnuna makrofinanzjarja mill-Unjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 407/2010;*** | |
| ***(b) fejn l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx adotta l-euro, jirċievi għajnuna finanzjarja fuq perjodu ta' żmien medju skont ir-Regolament (KE) Nru 332/2002;*** | |
| ***(c) għajnuna finanzjarja ssir disponibbli għalih skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà.*** | |
| ***2. Minkejja l-paragrafu 1, l-appoġġ tal-Unjoni permezz ta' ħlasijiet interim u ħlasijiet tal-bilanċ finali ma għandux ikun ogħla mis-sostenn pubbliku u l-ammont massimu ta' appoġġ mill-Fond, kif stabbilit fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm operattiv.*** | |

Or. fr

**Emenda 72**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. In-nefqa għandha tkun eliġibbli għal sostenn mill-programm operattiv issir u titħallas mill-benefiċjarju bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-31 ta' Diċembru ***2022***. | 1. In-nefqa għandha tkun eliġibbli għal sostenn mill-programm operattiv issir u titħallas mill-benefiċjarju bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-31 ta' Diċembru ***2023***. |

Or. fr

**Emenda 73**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-ikel u l-prodotti ***għall-persuni jew għat-tfal mingħajr akkomodazzjoni*** jistgħu jinxtraw mill-organizzazzjonijiet imsieħba nfushom. | L-ikel u l-prodotti ***għar-riċevituri aħħarija*** jistgħu jinxtraw mill-organizzazzjonijiet imsieħba nfushom. |

Or. fr

**Emenda 74**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Jistgħu jinxtraw ukoll minn korp pubbliku u jsiru disponibbli bla ħlas mill-organizzazzjonijiet imsieħba. F'dak il-każ, l-ikel jista' jinkiseb mill-użu, l-ipproċessar, jew il-bejgħ ta' prodotti fl-istokkijiet ta' intervent li jkunu saru disponibbli skont l- | Jistgħu jinxtraw ukoll minn korp pubbliku u jsiru disponibbli bla ħlas mill-organizzazzjonijiet imsieħba. F'dak il-każ, l-ikel jista' jinkiseb mill-użu, l-ipproċessar, jew il-bejgħ ta' prodotti fl-istokkijiet ta' intervent li jkunu saru disponibbli skont l- |

| | |
|---|---|
| Artikolu 15 tar-Regolament(UE) Nru [OSK] sakemm din ***tkun l-għażla l-iktar favorevoli mil-lat ekonomiku u*** ma ddewwimx bla *bażonn* it-twassil tal-prodotti tal-ikel lill-organizzazzjonijiet imsieħba. Kull ammont derivat minn tranżazzjoni fir-rigward ta' dawk l-istokkijiet għandu jintuża għall-benefiċċju tal-persuni l-iktar fil-bżonn***, u m'għandux jiġi applikat biex inaqqas l-obbligu tal-Istati Membri, previst fl-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament, biex jikkofinanzja l-programm***. | Artikolu 15 tar-Regolament(UE) Nru [OSK] sakemm din ma ddewwimx bla *bżonn* it-twassil tal-prodotti tal-ikel lill-organizzazzjonijiet imsieħba. Kull ammont derivat minn tranżazzjoni fir-rigward ta' dawk l-istokkijiet għandu jintuża għall-benefiċċju tal-persuni l-iktar fil-bżonn. |
| | Or. fr |

**Emenda 75**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Dik l-għajnuna materjali għandha titqassam b'xejn lill-persuni l-aktar fil-bżonn. | 4. Dik l-għajnuna ***għall-ikel u/jew*** materjali għandha ***ġeneralment*** titqassam b'xejn lill-persuni l-aktar fil-bżonn. ***Meta din l-għajnuna għall-ikel u/jew materjali pprovduta lill-persuni l-aktar fil-bżonn ikollha wkoll għanijiet ta' integrazzjoni jew riabilitazzjoni soċjali, il-benefiċjarji aħħarija jistgħu jintalbu jħallsu prezz li ma jaqbiżx l-10 % tal-prezz tas-suq, u fl-ebda każ livell ġustifikat mill-ispejjeż imġarrba fit-twettiq tal-azzjoni mill-organizzazzjonijiet imsieħba.*** |
| | Or. fr |

**Emenda 76**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) somom f'daqqa li ma jaqbżux l-EUR 100 000 ta' sostenn pubbliku; | (b) somom f'daqqa li ma jaqbżux l-EUR 100 000 ta' sostenn pubbliku ***kull sena***; |

Or. fr

**Emenda 77**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) finanzjament ***b'rata fissa, iddeterminat permezz tal-applikazzjoni ta' perċentwali*** għal kategoriji ta' spejjeż waħda jew aktar. | (c) finanzjament ***stabbilit***, għal kategoriji ta' spejjeż waħda jew aktar. |

Or. fr

**Emenda 78**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-ispejjeż tax-xiri tal-ikel, u ta' prodotti bażiċi għall-konsumatur għall-użu personali ***ta' persuni jew ta' tfal mingħajr akkomodazzjonis***; | (a) l-ispejjeż tax-xiri tal-ikel, u ta' prodotti bażiċi għall-konsumatur għall-użu personali ***tar-riċevituri aħħarija***; |

Or. fr

**Emenda 79**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) meta korp pubbliku jixtri l-ikel jew il-prodotti bażiċi tal-konsumatur għall-użu personali ***tal-persuni jew ta' tfal mingħajr akkomodazzjoni*** u jipprovdihom lill-organizzazzjonijiet imsieħba, l-ispejjeż tat-trasport tal-ikel jew ta' prodotti lill-imħażen tal-organizzazzjonijiet imsieħba b'rata fissa ta' 1 % tal-ispejjeż imsemmija fil-punt (a); | (b) meta korp pubbliku jixtri l-ikel jew il-prodotti bażiċi tal-konsumatur għall-użu personali ***tar-riċevituri aħħarija*** u jipprovdihom lill-organizzazzjonijiet imsieħba, l-ispejjeż tat-trasport tal-ikel jew ta' prodotti lill-imħażen tal-organizzazzjonijiet imsieħba b'rata fissa ta' 1 % tal-ispejjeż imsemmija fil-punt (a); |

Or. fr

**Emenda 80**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) l-ispejjeż tal-attivitajiet ta' inklużjoni soċjali mwettqa u ddikjarati mill-organizzazzjonijiet imsieħba li jwasslu l-għajnuna materjali direttament ***lill-persuni l-aktar fil-bżonn*** b'rata fissa ta' 5 % tal-ispejjeż imsemmija fil-punt (a); | (d) l-ispejjeż tal-attivitajiet ta' inklużjoni soċjali mwettqa u ddikjarati mill-organizzazzjonijiet imsieħba li jwasslu l-għajnuna ***tal-ikel u/jew*** materjali direttament ***jew indirettament lir-riċevituri aħħarija*** b'rata fissa ta' 5 % tal-ispejjeż imsemmija fil-punt (a); |

Or. fr

**Emenda 81**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri, | 2. Fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri, |

| | |
|---|---|
| soġġett għal limitu massimu ta' ***4%*** tal-allokazzjoni ***tal-Fond***, il-programm operattiv jista' jiffinanzja t-tħejjija, il-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-għajnuna amministrattiva u teknika, l-eżerċizzju ta' awditjar, l-informazzjoni, il-miżuri ta' kontroll u ta' evalwazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jista' wkoll jiffinanzja għajnuna teknika u l-bini tal-kapaċità ta' organizzazzjonijiet imsieħba. | soġġett għal limitu massimu ta' ***0.5 %*** tal-allokazzjoni ***li jirċievi mill-Fond***, il-programm operattiv jista' jiffinanzja t-tħejjija, il-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-għajnuna amministrattiva u teknika, l-eżerċizzju ta' awditjar, l-informazzjoni, il-miżuri ta' kontroll u ta' evalwazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jista' wkoll jiffinanzja għajnuna teknika u l-bini tal-kapaċità ta' organizzazzjonijiet imsieħba ***fil-limitu ta' 2 % tal-allokazzjoni li l-Istat Membru jirċievi mill-Fond***. |

Or. fr

**Emenda 82**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha tirrimborża bħala ħlasijiet interim *90%* tal-ammont ***li jirriżulta mill-applikazzjoni tar-rata ta' kofinanzjament stabbilita fid-deċiżjoni li tadotta l-programm operattiv*** li jikkorrispondi għall-infiq eliġibbli pubbliku inkluż fl-applikazzjoni għall-ħlas. Għandha tiddetermina l-bilanċ annwali skont l-Artikolu 47(2). | 1. Il-Kummissjoni għandha tirrimborża bħala ħlasijiet interim *90 %* tal-ammont ***totali tal-operazzjoni*** li jikkorrispondi għall-infiq eliġibbli pubbliku inkluż fl-applikazzjoni għall-ħlas. Għandha tiddetermina l-bilanċ annwali skont l-Artikolu 47(2). |

Or. fr

**Emenda 83**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Minkejja l-Artikolu 19, l-appoġġ*** tal-Unjoni permezz ta' pagamenti interim u l-ħlas tal-bilanċ finali m'għandux ikun ogħla mill-ammont massimu u l-ammont tal-appoġġ mill-Fond kif stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm operattiv. | 2. ***L-appoġġ*** tal-Unjoni permezz ta' pagamenti interim u l-ħlas tal-bilanċ finali m'għandux ikun ogħla mill-ammont massimu u l-ammont tal-appoġġ mill-Fond kif stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm operattiv. |

Or. fr

**Emenda 84**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. It-total kumulattiv tal-ħlasijiet ta' prefinanzjament u interim u l-bilanċ annwali mill-Kummissjoni ma għandux jaqbeż ***il-95% tal-kontribuzzjoni*** mill-Fond għall-programm operattiv. | 3. It-total kumulattiv tal-ħlasijiet ta' prefinanzjament u interim u l-bilanċ annwali mill-Kummissjoni ma għandux jaqbeż ***il-kontribuzzjoni*** mill-Fond għall-programm operattiv. |

Or. fr

**Emenda 85**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Meta jintlaħaq il-limitu ***ta' 95%***, l-Istati Membri għandhom ikomplu jibagħtu talbiet għall-ħlas lill-Kummissjoni. | 4. Meta jintlaħaq il-limitu, l-Istati Membri għandhom ikomplu jibagħtu talbiet għall-ħlas lill-Kummissjoni. |

Or. fr

**Emenda 86**
**Younous Omarjee**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 44 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***3a. Meta l-Kummissjoni Ewropea tissospendi l-ħlasijiet interim kollha jew parti minnhom, hija għandha tiżgura li l-pagamenti interim jitħallsu lill-organizzazzjonijiet benefiċjarji jew imsieħba.*** |

Or. fr